GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
DIRETTORAT GĦAL-LITTERIŻMU DIĠITALI U
ĦILIET TRANSVERSALI

# ĊIRKULARI

**Data:** **23 ta' Settembru 2021** **Ref: DDLTS 27/2021**

**Għal:** **Kapijiet tal-Iskejjel (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja) u Sezzjonijiet**

**Minn:** **Is-Sur Vincent M. Carabott – Uffiċjal Edukattiv għal-Litteriżmu Diġitali**

**Suġġett:** **SELFIE Forum 2021: Empowering schools for learning in the digital age (MT)**

---

Id-Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u l-Ħiliet Transversali (DDLTS) ilu mill-2018 jinkoraġġixxi u jappoġġa l-iskejjel biex jipparteċipaw b'mod attiv fis-SELFIE (Self-reflection on Effictive Learning by Fostering the use of Innovative Educational technologies). Permezz ta' din l-għodda li tista' tiġi modifikata skont il-bżonn, l-iskejjel ikunu f'qagħda li jistgħu jirriflettu fejn jinsabu fl-użu tat-teknoloġiji diġitali għat-tagħlim f'din l'era diġitali. Fl-aħħar sentejn u nofs l-iskejjel Maltin ipparteċipaw b'mod attiv fis-SELFIE u fittxew modi biex itejbu l-użu tat-teknoloġiji diġitali biex itejbu l-kwalità tat-tagħlim li huma jipprovdu.

Il-Kummissjoni Ewropea permezz tal-JRC-EAC, bħala l-entità responsabbli għat-tmexxija u l-amministrazzjoni tas-SELFIE, qed tistieden lill-iskejjel li għamlu użu minn din l-għodda l-opportunità li jaqsmu l-esperjenzi tagħhom. L-iskejjel huma mistiedna jipparteċipaw billi jissottomettu kartellun jew vidjow qasir ta' 3 minuti ffukat fuq suġġett speċifiku li juri l-esperjenza/i tal-iskola fuq SELFIE. L-idea hi li tkun maqsuma din l-informazzjoni biex skejjel oħra ikunu jistgħu jiżviluppaw l-istrateġija diġitali u l-pjan ta 'azzjoni tagħhom.

Il-format tas-sottomissjoni irid ikun konformi kif ġej:

- Kartelluni: (format PDF) maħluq b'software li hu aċċessibbli għall-iskola jew permezz tal-użu ta' 'e-posters (https://ltb.io/eposters/). Jekk jogħġbok ara l-flyer mehmuż għal aktar dettalji dwar l-aċċess għal dan.
- Vidjows: Mhux iktar minn 3 minuti.
- 

Is-sottomissjonijiet iridu jsiru mhux aktar tard: mit-**2 ta' Ottubru, 2021**

Aktar informazzjoni dwar kif u fejn għandhom jiġu ssottomessi l-kontribuzzjonijiet jinkisbu mis-sit: https://digitalliteracy.skola.edu.mt/selfie-2/.

Skejjel tal-Istat li jinsabu fil-proċess li jirreġistraw jew irreġistraw bi tweġiba għaċ-Ċirkulari Ref: DDLTS 17/2021, tal-15 ta 'Ġunju 2021, bis-suġġett: Litteriżmu Diġitali - Taħriġ Professjonali fl-iskejjel primarji għas-sena skolastika 2021-2022, u li għamlu SELFIE, jistgħu jieħdu din l-opportunità wkoll biex permezz ta' kartellun jew video ifasslu azzjoni / jiet li l-iskola qed tistenna minn dan it-Taħriġ Professjonali.

Grazzi tal-kooperazzjoni tiegħek,

**Is-Sur Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**

t + 356 2598 1565/6 e digital-literacy@ilearn.edu.mt | www.education.gov.mt